**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416101 FAX : 21416941**

# MINUTI

## Laqgħa Tal-Lokalita Mal-Pubbliku

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa tal-Lokalita Numru 02

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 09 ta' Diċembru 2020

Din il-laqgħa saret onlajn fejn ixxandret mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali fi Triq Robert Mifsud Bonnici, fis-6.00 ta' filgħaxija.

### MEMBRI TAL-KUNSILL PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia – Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra - Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti

### UFFIĊJAL TAL-KUNSILL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 2.1 Introduzzjoni mis-Sindku

2.1.1 Is-Sindku spjega kif din il-laqgħa qed tinżamm skond kif stipulat fl-Att dwar il-Gvern Lokali fejn dan l-att jgħid li f'Diċembru trid issir laqgħa mal-pubbliku biex jiġu ppreżentati l-estimi finanzjarji għas-sena 2021. Huwa qal li qabel ma l-kunsill jippreżenta l-estimi finanzjarji għas-sena 2021 l-kunsill ser jisma l-bżonnijiet tar-residenti biex kulħadd ikollu sehmu u dawn il-bżonnijiet l-kunsill jkun jista jaħseb għalihom fl-estimi.

2.1.2 Is-Sur Dalli spjega kif din il-laqgħa ser tkun maqsuma fi żewġ taqsimiet. Fl-ewwel parti tal-laqgħa huwa ser jagħti deskrizzjoni żgħira tal-estimi finanzjarji li qed jipprepara l-kunsill għas-sena 2021, abbażi tal-allokazzjoni ntitolata lil kunsill. Fit-tieni parti tal-laqgħa huwa qal li ser ikun qed jisma s-suġġerimenti tar-residenti nkonnesjoni ma' dawn l-estimi u anke qal li ser jagħti ċans lir-residenti li rreġistraw linteress tagħhom jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u jwieġeb għalihom.

2.1.3 Is-Sindku żied jgħid li peress li din il-laqgħa saret onlajn, bħala miżura ta' saħħa kontra s-sitwazzjoni tal-covid 19, jekk hemm xi residenti li forsi ma laħqux irreġistraw l-interess tagħhom għal din il-laqgħa u kellhom xi proposta jew suġġerriment li xtaqu jaqsmu mal-kunsill huma xorta għadhom fiċ-ċans li jwaslu l-messaġġ tagħhom u jiktbu lil kunsill sa nhar il-Ġimgħa li ġej.

## 2.2 Qari tal-Minuti ta' l-aħħar laqgħa tal-Lokalita' Nru 01

2.2.1 Qari tal-Minuti ma kienx hemm peress li l-laqgħa li kellha issir f'April skond l-Att tal-Gvern Lokali (Artiklu 70), biex jiġu preżentati r-rapport amministrattiv, ir-rapporti finanzjarji u l-pjan ta' ħidma, ġiet sospiża mill-istess Gvern Lokali. Il-Kunsill Lokali ġie eżentant mill-obbligu legali tiegħu li jagħmel din il-laqgħa skond Ċirkulari 2/2020.

## 2.3 Estimi Finanzjarji 2021

2.3.1 Is-Sindku nforma lil kunsilliera u lir-residenti kif l-allokazzjoni mgħottija lil kunsill mill-Gvern Lokali għas-sena 2021 ser tammonta għal €309,525. Apparti din l-allokazzjoni il-kunsill anke jkollu dħul żgħir minn benefiċċjarji oħra bħal minn permessi, byelaws, skemi u kif ukoll mir-Reġjun Ċentru. Ir-Reġjun Ċentru nfatti qed jagħti ħafna għajnuna lil kunsill lokali b'diversi ħruġ ta' fondi u skemi.

2.3.2 Is-Sindku tkellem fejn qal li l-kunsill qed jevalwa l-bżonnijiet kollha li għandha bżonn il-lokalita, flimkien mal-infiq li l-kunsill għandhu fosthom l-amministrazzjoni, salarji, servizzi ta' kuntratturi u spejjeż oħrajn biex dawn kollha jkunu nklużi fl-estimi finanzjarji għas-sena 2021.

## 2.4 Mistoqsijiet u Suġġerimenti

2.4.1 Is-Sur Dalli qal li kien hemm persuna waħda li rreġistrat l-interess tagħha għal din il-laqgħa. Sakemm is-Segretarju Eżekuttiv għamlet kollegament ma' din is-Sinjura, is-Sur Dalli reġgħa tenna kif il-kunsill ser jibqa jilqa s-suġġeriment u proposti tar-residenti sa nhar il-Ġimgħa sa 12:00pm, qabel ma jiġi preparat ir-rapport finali tal-estimi finanzjarji għas-sena 2021.

2.4.2 <u>Mistoqsija fuq it-traffiku fi Triq Annibale Preca, l-gwardjani u permess tal-Ippjanar</u>
Ir-Residenta l-ewwel staqsiet jekk il-kunsill għandux ħsieb li Triq Annibale Preca ssir *one-way* minkejja il-proġett li qed isir ikkumbinat ma' *central link*. It-Tieni mistoqsija tagħha kienet dwar il-gwardjani u jekk l-kunsill jistax jintervjeni biex ma jibqgħux jingħataw ċitazzjonijiet fl-akwata taċ-ċnus meta din hija kkunsidratha bħala żona li ftit li xejn hemm parkeġġ fiha u biex ma jingħatawx ċitazzjoni speċjalment fil-*weekends*. Il-gwardjani qed jiġu anke kmieni ħafna filgħodu. Ir-Residenta talbet lil kunsill ukoll biex jiċċekja u jieħu azzjoni meħtieġa fuq permess tal-ippjanar li hemm imwaħħal mad-dar ta' quddiem l-istwata ta' San Ġużepp.

2.4.3 Rigward l-ewwel mistoqsija s-sindku weġiba kif il-kunsill iltaqgħa ma' Transport u għadda proposta biex Triq Carmelo Farrugia ma Triq Annibale Preca tiġi one-way, fejn karozzi jitilgħu biss minn Triq Annibale Preca minn

fejn l-istatwa tal-Madonna u min jrid jinżel l-isfel jrid jgħaddi biss minn Triq Carmelo Farrugia u joħroġ minn wara l-istatwa tal-Madonna. Din il-proposta ġiet aċċettata minn TM u l-kunsill għandu ħsieb jimplementa din is-sistema ta' *one-way* la Triq Carmelo Farrugia tingħata t-*tarmac* u diment li n-nies tal-akwata jaqblu u ma jsibux oġġezzjoni.

2.4.4 Fuq it-tieni mistoqsija s-sindku wieġeb li l-kunsill jaqbel ma' dak li qalet ir-residenta u qal li l-gwardjani dan l-aħħar qed ikunu rigorożi ż-żejjed. L-uffiċjali tal-LESA assenjati bħalissa fuq ir-raħal verament qed jiġu kmieni ħafna u qed jagħtu ċertu ċitazzjonijiet ta' bla bżonn lil vetturi li ma jkunux qed joħolqu l-ebda ostaklu u li jkunu pparkjati fi sqaqien li ma jinfdux. Is-Sur Dalli qal kif riċentament is-Segretarju Eżekuttiv ukoll kellha konfront ma' dawn l-uffiċċjali għaliex ma ħallewx residenta toħroġ mill-parkeġġ fi Triq Robert Mifsud Bonniċi waqt il-ħin tal-iskola u r-residenta spiċċat marret tard għax-xogħol. Is-Sindku kompla jgħid kif huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tkelmu direttamenti ma' rappreżentanti ta' LESA u jekk is-sitwazzjoni ser tibqa li hi, il-kunsill issa diġa qabel u lest li anke jkellem lil Ministru dwar din il-problema.

2.4.5 Rigward il-permess tal-ippjanar is-Sindku wieġeb kif il-kunsill ser jindaka dwar dan il-permess bl-għajnuna professjonali tat-*town planner* u jekk ikun hemm bżonn, tiġi sottomessa oġġezzjoni kif sissa dejjem sar kemm il-darba kien hemm it-talba.

## Tmiem

Is-Sindku rringrazzja lil kunsilliera u lil kull min kien preżenti għal din il-laqgħa. Huwa tenna lil kulħadd biex kemm jista jkun jieħdu ħsieb saħħithom f'dawn iż-żminijiet koroh li ġabet magħha din il-pandemija u j'Alla li l-laqgħa tal-pubbliku li jmiss tkun tista ssir b'mod normali. Is-Sur Dalli u l-Kunsilliera awguraw il-Milied it-tajjeb u sena ġdida lir-residenti kollha ta' Ħal Lija.

Il-laqgħa ntemmet fi 6:15PM.

| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
|---|---|
| Anthony Dalli | Pamela Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |